**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Darren Buhagiar)**
**-Vs-**
**ABDULRAHMAN KEBIE ABDULLAH**

**Illum 7 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat li **ABDULRAHMAN KEBIE ABDULLAH** ta' 24 sena, iben Abdullah u Meduwa, imwieled Sirja fl-1 ta' Frar 1999, ġie akkuzat talli nhar is-6 ta' Jannar 2024 ghall-habta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu fi Triq il-Mina ta' Hompesch, Ħaż Żabbar:-

1) Saq il-vettura ta' għamla Kia Avella bin-numru ta' reġistrazzjoni ACN095 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan. *Art.15(1)(a), Kap.65*

2) Saq il-vettura ta' għamla Kia Avella bin-numru ta' reġistrazzjoni ACN095 mingħajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni. *Art.3(1), Kap.104*

3) Saq vettura ta’ għamla Kia Avella bin-numru ta’ reġistrazzjoni ACN095 li kienet mgħobbija ż-żejjed b’passiġġieri jew merkanzija hekk li toħloq periklu jew lill-passiġġieri li jinġarru fiha jew lil terzi persuni. *Reg 69(1), L.S. 65.11*

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur jaqra l-akkużi;

Semgħet lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha;

Wissiet lill-imputati dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u tatu ħin biex jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta’ htija u sabiex jerga’ jikkonsulta mad-difensur tiegħu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tiegħu anke wara li ġie mwissi dwar il-piena erogabbli;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li mhux qed tinsisti fuq piena karċerarja effettiva;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li giet registrata mill-imputat, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tiegħu u bl-assistenza ta’ interpretu ġuramentat, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu ġew debitament ippruvati u b’hekk l-imputat ghandu jinsab hati tar-reati li gie mixli dwarhom.

Ghall-fini tal-piena ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat irreġistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri, kif ukoll il-fatt li mill-atti proċesswali ma jirriżultax

li għandu fedina penali li mhijiex netta. Fil-qies ta' kollox, il-Qorti temmen li filwaqt li piena karċerarja effettiva ma tkunx idonea fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ikun opportun li timponi piena pekunjarja. Fiċ-ċirkostanzi isibu riskontru wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15(3) tal-Kap. 65.

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali, l-Artikolu 3(1)(2) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Ordinanza tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regolament 69(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 67.11, fuq ammissjoni qiegħda ssib lil ABDULRAHMAN KEBIE ADBULLAH ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tikkundannah elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) multa li għandha titħallas minnufih u bl-applikazzjoni tal-Artikou 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, għal żmien tliet (3) xhur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**